# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru mija u ħamsa (105) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2012, fis-6:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segreterju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti li ntbagħtu lill-kunsillieri mis-SE permezz ta' e-mail aktar kmieni kienu meħuda moqrija, ġew approvati u ffirmati wara li dawn ġew emendati skont kif muri fuq il-kopja oriġinali fuq xewqet l-istess kunsillieri.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kienx hemm aktar żviluppi dwar il-każ tal-appell minn *Dimbros Co Ltd* fil-każ tal-kontestazzjoni mal-*Public Contracts Review Board* (PCRB) fuq il-kuntratt tal-knis tat-toroq li qed jiġi ribattut hekk kif kienet se tingħata l-offerta lil Joseph Zammit. Is-SE wieġeb li ma rċevejnhiex *feedback* minn għand il-PCRB.

4. Is-Sindku informa lill-kunsillieri li llum ingħatat l-ewwel kisja ta' tarmac bejn il-katakombi u l-ġnien fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti biex aktar tard tingħata l-kisja l-oħra ħalli b'hekk tkun tista' tinħoloq id-*diversion route* minħabba li fil-jiem li ġejjin se tinqala' r-*roundabout* fl-istess sit.

5. Dwar dan il-proġett is-Sindku qal li biex l-ispiża tkun kontenuta, il-bankijiet se jsiru tal-injam tal-iroko minflok dak indikat fl-offerta oriġinali li hu meqjuż bħala injam orħos. Kien hemm mistoqsijiet dwar il-*lump sum* tas-siġar il-ġodda li se jitħawwlu peress li xi kunsillieri rawha għolja wisq u ma kienetx fit-tender. Is-SE kien mitlub jistaqsi lill-Perit Bezzina għall-*breakdown* tal-kont, jew aħjar *'justification and breakdown for the variations and additional items'* speċjalment tal-*items* indikati f'*Bill* 1 paġna 10, *variation* 1 & 2, X1-X19 f'*BOQ* 2 u X1-X11 f'BOQ 3 kif ukoll fl-*items* kollha indikati bil-"V"'s li kienu ċirkulati dal-għodu stess kif irċevihom is-SE minn għand l-istess Perit Bezzina. Kien hemm mistoqsijiet oħrajn dwar A21 cioe' kemm kien hemm *cubic metres.*

6. Is-SE se jikkomunika mal-Perit Bezzina li għadna qed nistennew il-*programme of works* minn għandu li jinħtieġ li jkun iddraftjat (iġibu) minn għand il-kuntrattur *Schembri Barbros* li ħa l-offerta.

7. Għall-mistoqsija tal-kunsillier Nicholas Briffa jekk Transport Malta hux se tagħti it-tarmak mar-*roundabout* fl-istess pjazza, is-Sindku u s-SE ikkonfermaw li irċevejna ir-risposta lura fejn din tgħid li huma kellhom *commitments* oħrjan u mhux qed jilqgħu it-talba tagħna. Għaldaqstant TM m'għandiex il-ħsieb li jagħmlu resurfacing ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. F'dan l-istadju Noel Galea irrisponda illi l-proġett tagħna mhux dwar *tarmac* iżda dwar *visitors' centre* minkejja li l-KLM għamel tlieta u tletin triq u ġibna €300,000 addizzjonali mill-Gvern sabiex flimkien mal-allokazzjoni tagħna f'din il-leġislatura stajna niffinanzjawhom.

8. Għal mistoqsijiet oħra dwar il-postijiet li kellhom jinqalgħu dan l-aħħar mill-kuntrattur Asfaltar Ltd biex reġa' ingħata t-tarmac, is-Sindku qal illi il-ħsara li kien hemm fit-toroq kellha titranġa. Dan għaliex per eżempju fi Triq il-Fjuri kien kesaħ it-*tarmac* u ma bbondjax u wkoll minħabba qagħda tal-ilma fi Sqaq numru 1 fi Triq il-Parroċċa. Dawn saru a spejjeż tal-kuntrattur.

9. Dwar l-allegata ħsara b'konsenturi fl-istruttura tal-bini tas-Sur Leonard Falzon fi Sqaq numru 3, il-KLM hu tal-fehma li mhux possibbli li din saret issa wara li dan ilu sena li nkesa bit-tarmak. Biss jekk il-persuna qed tibqa' ssostni l-allegazzjoni tagħha, dan għandha tagħmlu direttament mal-kuntrattur.

10. Is-Sindku tkellem dwar il-ħsarat li hemm fi Triq tas-Sejba fejn il-Periti ta' Transport Malta se jinżlu fil-barriera biex jaraw il-ħajt tat-triq. Dan biex ikun identifikat is-sors li qed jgħarraq l-istruttura tat-triq bil-konsegwenza li din niżlet.

11. Kienet diskussa it-talba tas-Sur Joe Zammit wara li rċevejna ittra tiegħu datata ?????? (li wkoll kienet ikkupjata lil Greenpak u lill-Kunsill Lokali Ħal Safi) minħabba li naqqasnielu il-ġbir ta' ġurnata (nhar ta' Tlieta) skart organiku. Is-Sindku qal li għal dik il-ġurnata tal-Erbgħa, is-Sur Zammit qed jitlob €133.29 f'żieda addizzjonali bejna u bejn Ħal Safi li tammonta għal 92% tal-ispiza tiegħu minflok il-€166.61 li ssoltu jiċċarġja biex jiġbor f'dik il-ġurnata. Is-Sindku qal li għal kumplament se jiċċarġja €20 lill *Greenpak Co-operative* peress li qed jiżdied ftit il-volum tal-iskart riċiklabbli. Hawn Charles Farrugia staqsa jekk nhar ta' Tnejn (wara li l-Ħadd mhux qed jiġbor) hux qed jiċċarġja d-doppju. Noel Galea wieġbu fin-negattiv u saret mistoqsija oħra peress li naqsitlu id-dawra; dan il-fattur kemm qed jiswielna. F'dan il-punt Paul Spiteri qal li biex nagħtuh 92% tal-ispiża ikun jaqbel li nerġgħu nibdew niġbru l-iskart organiku nhar ta' Tlieta peress li qed ikun hawn miżbla madwar l-*iskips* speċjalment fejn dik tal-bandli f'Misraħ il-Fidwa. Charles Farrugia ippropona illi ninżlu sa' 50% tal-ispiża, jiġifieri €83.3 bejna u bejn Ħal Safi. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal din il-proposta mill-kunsillieri l-oħra. B'din id-deċiżjoni għandna ninfurmaw lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

12. Wara li kien deċiż fil-laqgħa preċedenti illi l-KLM joħroġ sejħa interna (għal ħaddiema tal-uffiċċju tagħna) għall-skrivan Skala 15 *full time,* is-SE ħareġ l-istess sejħa li għalqet propju llum mingħajr ma kien hemm rispons. Fil-frattemp l-iskarivana *part-time* (li kienet qed taħdem tletin siegħa), Ms Mersia Mackay tat l-ittra tar-riżenja tagħha wara li s-Sindku qal li hija sabitu Ms Mackay u qaltlu li kienet milqugħa l-applikazzjoni tagħha għal impjieg *full time* fl-Universita' ta' Malta (UoM). Is-Sindku qal li hija qaltlu li tixtieq tkompli l-istudji tagħha u b'hekk, jekk tkun taħdem hemm, il-kors universitarju li qed tagħmel fil-għaxija fl-UoM jiġiha b'xejn. Sadanittant is-SE irrifjuta li jiffirma it-*termination letter* tal-ETC minkejja li l-istess Mackay għamlet pressjoni kbira fuqu għal jiem sħaħ għar-raġuni li hemm kuntratt ta' mpjieg li għadu *in vigore* li hija trid tagħti in-notice ta' disgħin ġurnata jew tħallasha. Wara li kien ivverifikat verbalment mad-*Director of Labour* illi dawn jistgħu jinżlu għal nofshom, kif ukoll li Ms Mackay ma kienetx lesta li tħallashom id-dipartiment tal-Gvern Lokali ma tagħna l-ebda parir, għajr li għandna infittxuha bl-avukat tagħna biex nissalvagwadjaw id-drittijiet tal-KLM. Il-KLM ħafer il-paga ta' disgħin jum *notice* skont il-kuntratt ta' mpjieg iffirmat wara li saret rakkomandazzjoni mis-Sindku u approvata mill-membri kollha preżenti u ta struzzjonijiet lis-SE sabiex jiffirma it-*termination letter* tal-ETC. Hawn is-SE qal li nħoloq preċedent illi għada pitgħada jista' jaqbad jitlaq impjegat mingħajr ma jagħti in-*notice* u jkun qed jikser il-kundizzjonijiet bażiċi ta' kuntratt ta' mpjieg. Is-Sindku wieġeb li Kunsill ieħor jiddeċiedi skont il-kuxjenza tiegħu.

13. Intant is-SE kien mitlub joħroġ sejħa għall-Kunsilli Lokali oħra biex skrivani jkunu jistgħu japplikaw għal impjieg ta' skrivan Skala 15 *full time*. Il-KLM se jagħmilha tassattiva li fost il-ħames O levels, irid ikun hemm dawk tal-Malti, Ingliż, Matematika u l-*Accounts*. Is-Sindku żied illi l-applikant irid ikollu l-ECDL Licence u l-esperjenza tista' tkun asset/jew tista' tgħinek. L-applikant għandu jaħdem mingħajr attenzjoni individwali u jkun flessibbli billi jagħti sehmu

inkluż is-Sibt fil-għodu fil-front desk, jagħmel *book keeping* u jiftaħ il-librerija lokali skont il-ftehim milħuq mal-kulleġġ San Benedittu.

14. Bi preparazzjoni għall-attivita' kulturali bl-isem "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien" id-Deputat Sindku ippropona illi l-*backdrop* issir mal-ħajt tal-Knisja Parrokkjali stess biex ikun irnexxielna nagħtu dehra differenti 'l faċċata. Minkejja li din m'għandniex stima tagħha, hu stmat li tkun tiswielna mal-€1,000 liema fondi se jkunu qed joħorġu minn *sponsor*. Għal din il-proposta il-kunsilleri ma kellhomx oġġezzjoni.

15. Dwar il-proposta rotta tal-arti, irċevejna diversi applikazzjonijiet minn persuni interessati kif ukoll ikkonfermawlna (verbalment) li se jdoqqu iż-żewġ każini tal-banda. Għal din l-attivita' qed tingħata għajnuna minn Martin Gauci kif qed jagħti kontribut ukoll il-kunsillier Paul Spiteri. Wara li kien konfermat lis-SE illi se ningħataw biss €3,000, Noel Galea qal li se jkollna noħorġu €300 minn ġewwa. Dan biex ilaħħaq mas-spejjeż per eżempju ta' *van* biex jinġarru il-palk minn u lejn id-dipartiment tal-kultura kif ukoll l-apparat tas-*sound* tal-grupp *Go Go Cats*. Għas-suġġeriment li sar fl-aħħar laqgħa, dwar il-grupp folkloristiku taż-żavżava, intqal li jkun dnub li ftit melodija maltija li se tindaqq anke saħansitra fil-każini tal-banda, tintilef ħesrem. Għaldaqstant se nippruvaw nagħmlu arranġament magħhom biex ma jiġix il-grupp kollu filwaqt illi kkonfermaw il-vjolinisti Tyron Barbara, Christine Saliba u Neve Marlene Galea.

16. Charles Farrugia se jara jekk hux possibbli wkoll sabiex studenti tas-6th form barranin li jiffurmaw *brass band* jiġu jdoqqu fl-Imqabba fil-ġimgħa attivitajiet organizzati għal Jum l-Imqabba. Is-SE ikkonferma wkoll li Angie Casha se tkun il-*compare* għal din is-serata.

17. Kien approvat Payment Approval Sheet numru 445 filwaqt li is-SE ta lista ta' 80 kif indikati f'PRF numri 446 u 447 kotba li minnhom il-kunsillieri se jkunu jistgħu jagħżlu biex jinxtraw minn għand *Wise Owl* peress li dan għandu kotba bil-malti bi prezzijiet tajbin. Is-Sindku talab ukoll li jinxtraw kotba b'lingwi differenti bħal per eżempju l-Ġermaniż, Spanjol u t-Taljan. Is-SE għandu jara x'kotba hawn fil-ħwienet tal-kotba addattati għat-tfal li jkunu qed jistudjaw dawn il-lingwi. Intant l-ispejjeż li għandhom isiru fil-librerija għandhom jintefqu wkoll f'investiment per eżempju xkaffar u jew manutenzjoni. Għal dan se naraw x'ikun tinħtieġ il-librara u nġibu stima.

**Punti Oħra**

18. F'punti oħra intqal li għal ħarġa ta' Għawdex tat-13 ta' Settembru, 2012, se jattendu is-Sindku, Grace Marie Mallia u s-SE. Valerie Galea ma tistax tattendi għaliex trid tiftaħ l-uffiċċju, peress li Mersia Mackay nhar ta' Ħamis ma taħdimx u tispiċċa uffiċjalment il-Ġimgħa 14 ta' Settembru.

19. Il-laqgħa ntemmet fit-8:40pm u se ssir dik li jmiss fl-istess ħin ħmistax oħra bis-Sindku jissuġġerixxi li fuq l-agenda jkun hemm l-għażla għal Ġieh l-Imqabba 2012.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*25 / 09/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |